Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8970 — Sumitomo/Parkwind/Northwester2)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 244/06)

1. Fil-5 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Summit Tailwind Belgium NV("Summit", il-Belġju), ikkontrollata minn Sumitomo Corporation ("Sumitomo", il-Ġappun),

— Parkwind NV ("Parkwind", il-Belġju), ikkontrollata b'mod konġunt minn Korys/Colruyt Group ("Korys/Colruyt", il-Belġju) u minn PMV NV ("PMV", il-Belġju),

— Northwester2 NV ("Northwester2", il-Belġju).

Sumitomo u Parkwind jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Northwester2.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Summit hija entità bi skop speċjali li hi miżmuma minn Sumitomo. Sumitomo hi kumpanija ta' kummerċ integrata li tipprovdi firxa komprensiva ta' prodotti u servizzi fil-Ġappun u madwar id-dinja, inkluża l-parteċipazzjonijiet f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta fil-Belġju.

— Parkwind hija attiva fis-suq tal-ġenerazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-Belġju. Parkwind hija entità ta' investiment u żvilupp ta' Korys/Colruyt u PMV. L-attivitajiet ewlenin ta' Korys/Colruyt huma fis-suq bl-imnut ta' prodotti tal-konsum ta' kuljum u attivitajiet oħra. PMV hija kumpanija indipendenti ta' investiment ikkontrollata mir-Reġjun Fjamming.

— Northwester2 iżżomm konċessjoni ta' dominju biex tibni u topera park eoliku lil hinn mill-kosta fiż-Żona Ekonomika Esklussiva Belġjana fil-Baħar tat-Tramuntana.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8970 — Sumitomo/Parkwind/Northwester2

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 229-64301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.